TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/181/15/S

Alfred Frendo Cumbo
Vs
Charichelon Company Limited

Illum 21 t'April,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Alfred Frendo Cumbo pprezentata fid-29 ta'Settembru,2015 u r-risposta tas-socjeta Charichelon Company Limited ipprezentata fid-19 t'Ottubru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u l-avukati taghhom kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-3 ta'Marzu,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ammont imhallas ghall-vjagg lejn il-Kanada li kellu jithassar minhabba ragunijiet ta'sahha izda li skont is-socjeta intimata, l-ammont imhallas mir-rikorrenti ma setax jigi rifuz;

Illi r-rikorrenti 'xtara "instant purchase tickets" fejn fuq il-'booking form' hemm stipulat li "instant purchase tickets are non refundable";

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi mill-provi ma jirrizultax li r-rikorrenti gab xi prova li xxejjen dak miktub b'mod car fil-'booking form' u cioe li "instant purchase tickets are non refundable" li fuqha kien hemm qbil bejn il-partijiet meta sar il-'booking';

Illi harsa lejn it-'terms and conditions' (Dok D) tikkonferma l-limitazzjonijiet fir-responsabilitajiet tas-socjeta intimata kif ukoll id-dettalji ta'dak miftiehem u accettat mill-partijiet;

Illi r-rikorrenti gjaladarba ghamel 'booking', accetta dawn il-kundizzjonijiet;

Illi huwa essenzjali li tali kundizzjonijiet jinqraw u jinftehmu qabel tittiehed decizjoni jekk isirx 'booking' jew le;

Illi inoltre dan, ir-rikorrenti ffirma dikjarazzjoni (Dok B) fejn ikkonferma li ma kellux pretensjonijiet ta'kwalunkwe tip kontra s-socjeta intimata;

Illi tali dikjarazzjoni tmur kontra dak mitlub f'din il-kawza;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Alfred Frendo Cumbo filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Charichelon Company Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070